MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 313/2011

Austin u Mariella konjugi Camilleri (Id. 4772G u Id. 7974G rispettivament)

Vs

Antoine Farrugia (Id. 292773).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitlobu il-hlas tas-somma ta’ disa` mija u erba u tletin Ewro (€934.00) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont dovut lil-atturi bhala hlas ta’ kera min-nofs April sa l-ahhar ta’ Mejju 2010 u konsum ta’ dawl u ilma tal-fond 23, Triq il-Karmnu, Valletta, liema ammont ghadu dovut. U minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, anke permezz ta’ ittra ufficjali ta’ l-10 ta’ Awwissu 2010, il-konvenut baqa` inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax dekorribbli mid-data tad-dovut pagament, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' disa` mija u erba u tletin Ewro (€934.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------